MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1865/2004

**Wembley Crane Hire Limited**

**Vs**

**Antoine Sultana**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm413 (erba' mija u tlettax-il lira Maltin) rapprezentanti prezz ta' servizzi, nkluz kiri ta' *crane* u *skips* f'Marina Street, Pieta.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 24 ta' Settembru, 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-2 ta' Frar, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------